DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 281/2014

tat-12 ta' Diċembru 2014

li temenda l-Anness X (Servizzi inġenerali) għall-Ftehim ŻEE [2015/2148]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/286/UE tal-10 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li jridu jissodisfaw in-Netwerks Ewropej ta' Referenza u l-provdituri tal-kura tas-saħħa li jixtiequ jingħaqdu ma' dawn in-Netwerks Ewropej ta' Referenza ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/287/UE tal-10 ta' Marzu 2014 li tistipula kriterji għall-istabbiliment u l-evalwazzjoni tan-Netwerks Ewropej ta' Referenza u l-Membri tagħhom u biex jiġi faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien espert dwar l-istabbiliment u l-evalwazzjoni ta' netwerks bħal dawn ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) L-Anness X tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti segwenti jiddaħħlu wara l-punt 2b (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/329/UE) tal-Anness X tal-Ftehim ŻEE:

"2c. **32014 D 0286**: Id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/286/UE tal-10 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet li jridu jissodisfaw in-Netwerks Ewropej ta' Referenza u l-provdituri tal-kura tas-saħħa li jixtiequ jingħaqdu ma' dawn in-Netwerks Ewropej ta' Referenza (ĠU L 147, 17.5.2014, p. 71).

2d. **32014 D 0287**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/287/UE tal-10 ta' Marzu 2014 li tistipula kriterji għall-istabbiliment u l-evalwazzjoni tan-Netwerks Ewropej ta' Referenza u l-Membri tagħhom u biex jiġi faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien espert dwar l-istabbiliment u l-evalwazzjoni ta' netwerks bħal dawn (ĠU L 147, 17.5.2014, p. 79)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni Delegata 2014/286/UE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/287/UE bil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 153/2014 tat-9 ta' Lulju 2014 ([3]), skont liema data tkun l-aktar reċenti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 147, 17.5.2014, p. 71.
([2]) ĠU L 147, 17.5.2014, p. 79.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.
([3]) ĠU L 15, 22.1.2015, p. 78.